**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Awwissu, 2018

Rikors Guramentat numru : 104/18 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi huwa u l-konvenuta mhumiex miżżewġin iżda kellhom relazzjoni bejniethom u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija fil-20 ta' Mejju 2015 u ngħatat l-isem ta' X minn ommha skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness tat-twelid Dokument A li jgib in-numru 2632 tal-2015;

2. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri hemm dikjarat illi l-missier mhux magħruf meta filfatt l-esponenti huwa l-missier naturali tal-minuri;
3. Illi il-paternita` tal-minuri X tista' tiġi stabbilita permezz ta' testijiet ġenetiċi appositi skont kif jipprovdi wkoll l-Artiklu 100 A tal-Kodiċi Ċivili li għalih minn issa l-esponenti jiddikjara ruħu li lest li joqgħod;
4. Illi permezz ta' ittra ufficjali interpella lill-konvenuta u minkejja din l-ittra il-konvenuta jidher manifest illi mhux beħsiebha taċċetta l-ebda proċedura ħalli t-tarbija jiġi rikonoxxuta mill-missier li huwa l-attur;
5. Peress illi wkoll l-attur jifhem bl-obbligi ta' manteniment iżda wkoll irid l-aċċess għall-minuri, ħaġa li il-konvenuta qed tirrifjutalu għax ma jirriżultax li huwa l-missier fiċ-ċertifikat tat-twelid;
6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**Kawzali**

Peress li l-attur hu l-missier naturali tal-minuri X D t-tarbija li twieldet fil-20 ta' Mejju, 2015 , skont ic-certifikat tat-twelid 2632 tal-2015;

Peress li l-attur, A B Irid li jigi dikjarat li hu missier il-tarbija u l-paternita` stabbilita, bid-drittijiet u obbligi naxxenti mill-istess paternita`;

Talab li l-konvenuta tghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri X li twieldet fil-20 ta' Mejju 2015 mill-konvenuta skont ic-certifikat 2632 tal-2015 anness bhala dokument A;
2. Tordna li dan il-fatt jiġi reġistrat fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X esebit f'din il-kawża u dan billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri, minflok il-kliem "missier mhux magħruf" jidħol isem l-attur A B u flimkien mad-dettalji l-oħra u mal-partikolarijiet relattivi għall-istess attur, u cioe` professjoni tieghu hija ta' "haddiem fil-metall" , ta' 27 sena , post tat-twelid Pieta` Malta , residenza Marsa, u isem u kunjom missieru li

huma E B , haj, liema dettalji korretti jigu kontestwalment inseriti fl-istess certifikat tat-twelid;

3. Bl-ispejjeż kontra il-konvenuta inġunta għas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet : (fol. 13)

1. Illi preliminarjament ikun ghaqli u opportun fid-dawl tat-talbiet tar-rikorrenti illi jigi kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku;
2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-intimata m'hijiex qeghda tikkontesta l-fatt li l-minuri m'huwiex iben l-attur;
3. Illi l-intimata ma ssib ebda oggezzjoni sabiex issir il-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid 2632 tal-2015 billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri, jigu inseriti l-konnotati tar-rikorrenti u dan minghajr ebda skapitu ghall-kunjom tal-minuri li ghandu jigi mizmum bhala D;
4. Illi l-intimata ma ghandhiex tbati spejjez in kwantu l-intimata bla ebda mod ma qarqet jew ingannat lill-attur li l-minuri X ma huwiex ibnu u li dan in-nuqqas illi jitnizzel ir-rikorrent fuq ic-certifikat tat-twelid ma huwiex imputabbli lilha kif ser jirrizulta fl-andament tal-kawza;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-attur ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[1] u permezz tal-ittra uffiċjali nnumerata mija u tnejn u sittin tas-sena elfejn u sbatax (162/17)[2] huwa nforma lill-konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri X bħala ibnu.

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Kopja legali tinsab esebita fol. 20

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri X imwieled lill-konvenuta C D, fl-għoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015)[3]. Sal-lum, dan il-minuri huwa ddikjarat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm, ossia D.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta C D

Il-konvenuta teċċepixxi illi jkun għaqli u opportun illi fid-dawl tat-talbiet tar-rikorrenti jiġi kjamat fil-kawża id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Dwar l-involviment tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'kawżi ta' paternita`, il-Qorti kellha l-okkażjoni li telabora diversi drabi fosthom fil-kawża fl-ismijiet Marisa Risiott et vs. Wayne Risiott[4] fejn il-Qorti rrilevat: *"Il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għall-fatt li f'din il-kawża, d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġiex kjamat fil-kawża jew kien parti mill-istess u dan stante li l-atturi jargumentaw li dan mhux neċessarju għall-validita` tal-kawża. Huma jargumentaw ukoll li f'każ li t-talba tagħhom tiġi milqugħa, allura d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun obbligat li jikkoreġi u jemenda ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri skond l-istess sentenza mingħajr ma jkun involut direttament fl-istess kawża... Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi mħarrek f'kawżi ta' paternita` pero` mill-qari tal-liġi jidher li dan mhux neċessarju. Għalhekk, il-kawża odjerna tista` tibqa għaddejja b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun għaddiet in ġudikat issir l-annotazzjoni neċessarja sabiex ikun hemm bdil fiċ-ċertifikat relattiv b'mod formali."*

---

[3] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 4

[4] Rikors Ġuramentat 48/12AL, deċiż fil-31 ta' Jannar 2013.

Il-Qorti rreferiet għall-kawża fl-ismijiet Dolores Bartolo vs. Simon Bartolo[5], fejn din il-Qorti hekk kif diversament presjeduta aċċettat u laqgħat it-talbiet attriċi għal bdil fiċ-ċertifikat tat-twelid mingħajr ma ġie kjamat in kawża jew imsejjaħ id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Irreferiet ukoll għall-kawża fl-ismijiet Adelaide Attard vs Joseph Attard et[6], fejn għal darb' oħra, f'kawża ta' paternita`, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġiex kjamat fil-kawża u ma ġiex imħarrek sabiex jirrispondi għall-istess. Illi dana ma kienx t'impediment għas-suċċess tal-azzjoni.

Bħalma ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Catherine Sammut vs. Joseph Spiteri et[7], il-Qorti tibqa' tal-fehma illi l-involviment tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'kawżi ta' paternita` huwa prassi, iżda bl-ebda mod m'huwa tassattiv jew rekwiżit tal-liġi. Illi għalhekk in-nuqqas tiegħu bħala parti mill-kawża odjerna ma jnaqqas xejn mill-integrita` tal-ġudizzju u li l-istess Direttur minkejja n-nuqqas t'involviment dirett tiegħu fil-kawża, xorta waħda huwa tenut obbligat jesegwixxi l-ordnijiet tal-Qorti li sejrin jingħataw bil-preżenti.

Fil-mertu, jirriżulta illi fil-każ odjern il-Qorti ma tistax isserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri huwiex iben l-attur B o meno. Ma ġie ppreżentat **ebda rapport xjentifiku u ġenetiku** in sostenn tal-fatti allegati mill-attur. Iżda huwa risaput illi skont il-liġi, m'humiex it-testijiet ġenetiċi biss li jservu bħala prova dwar il-paternita` tal-ulied, għalkemm l-istess dejjem ġew ritenuti bħala l-prova reġina f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali.

Il-Qorti qiegħda tikkonsidra illi f'każi ta' filjazzjoni tal-ulied imnissla u mwielda barra miż-żwieġ, il-leġislatur ħaseb għall-proċedura sommarja għar-rikonoxximent tagħhom, fiċ-ċirkostanzi fejn mat-twelid jiġu rreġistrati bħala ulied missier

[5] Irrapportata bħala AB et vs. CB, deċiża fit-22 ta' Frar 2012, (Rikors Ġuramentat: 284/2009NC)

[6] Irraportata bħala A C pro. et noe. vs. P C u Y V, deċiża fit- 8 ta' Mejju 2012, (Rikors Ġuramentat: 298/2011NC)

[7] Deċiza minn din il-Qorti nhar il-21 ta' Marzu 2018, Rikors Ġuramentat: 248/17AL

mhux magħruf. Il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 86 tinvolvi biss ittra ġudizzjarja maħlufa mill-allegat missier fil-konfront ta' omm it-tarbija, li  min-naħa tagħha twieġeb permezz ta' nota fl-atti tal-istess ittra. Kemm-il darba l-omm taqbel mad-dikjarazzjoni tal-mittenti li huwa missier il-minuri, ir-reġistrazzjoni tal-minuri tiġi effettwata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Din il-proċedura ma tikkontemplax it-teħid tal-kampjuni minn fuq il-persuni nvoluti għall-eżami xjentifiku u ġenetiku.

Fil-każ in eżami, omm il-minuri mill-bidu stqarret mingħajr tlaqliq illi l-attur  huwa missier il-minuri. Huwa evidenti li l-proċeduri odjerni ġew intavolati għaliex l-omm, naqset illi twieġeb għall-ittra uffiċjali lilha mibgħuta.

Illi, in vista tal-premess, minkejja n-nuqqas tal-provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti hija xorta waħda moralment konvinta li l-verżjoni tal-attur hija veritiera u li l-minuri X huwa ibnu naturali. Għaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-talba tiegħu ma tiġix akkolta.

Il-Qorti rat illi d-dettalji tal-attur A B, ai fini tar-reġistrazzjoni tiegħu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, huma s-segwenti:

1) Isem u kunjom: A B
2) Id-dokument tal-identita`: 75690(M)
3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri: 25 sena
4) Il-post tat-twelid ta' A B: Pieta`, Malta
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: Marsa
6) Isem u kunjom missieru: E B
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

<u>Dwar il-Kap tal-Ispejjeż</u>

Fit-talbiet tiegħu, l-attur isostni li għandha tkun il-konvenuta D li tħallas l-ispejjeż kollha tal-proċeduri. Dana in vista li huwa interpellaha sabiex taċċetta r-rikonoxximent tiegħu bħala

missier it-tarbija, qabel ma ntavola l-azzjoni odjerna. Fil-mori tal-kawża, id-difensur tal-attur kien ippropona illi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha[8].

Il-Qorti mhijiex konsapevoli jekk l-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u cioe dik innumerata mija u tnejn u sittin tas-sena elfejn u sbatax (162/17), ġietx debitament notifikata lill-konvenuta, għaliex kopja tar-riferta ma ġietx esebita fl-atti ta' dan il-proċediment. Kieku kienet notifikata, allura kienet tkun il-konvenuta li tbati l-ispejjeż tal-istanti, in vista li l-proċeduri odjerni setgħu ġew evitati billi b'sempliċi risposta għall-ittra mibgħuta, kien ikun hemm eżitu effettiv daqs l-import ta' din is-sentenza. Iżda fin-nuqqas t'informazzjoni dwar in-notifika tal-ittra, il-Qorti m'għandhiex iċ-ċertezza li għandha tkun il-konvenuta li tbati l-ispejjeż kollha. In vista tal-premess, il-Qorti tordna illi l-ispejjeż tal-preżenti jinqasmu b'mod ugwali bejn iż-żewġ partijiet.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri X li twieled fl-20 ta' Mejju 2015 mill-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid relattiv għall-minuri X, innumerat elfejn sitt mija u tnejn u tletin tas-sena elfejn u ħmistax (2632/2015) huwa jikkanċella l-kliem 'unknown father' u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B, kif jirriżultaw aktar 'il quddiem f'din is-sentenza;

[8] Verbal tal-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2018, fol. 17

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 162/17, ikunu sopportati miż-żewġ partijiet b'mod ugwali.